FLORIANA

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

20 ta' Lulju 2015

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tar-Raba (04) laqgha tas-Seba' Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah ir-Raba (04) Laqgha tas-Seba' Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar it-Tlieta 14 ta' Lulju 2015 fis-2.00pm,** b'din l-agenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Pjan ta Hidma 2015-2017
10. Genna ta Gonna...U Hafna Aktar!
11. Kuncert – Isle of MTV
12. Traffiku u parkegg
13. Gonna u soft areas
14. Aggornament tal-Laqgha

Ghar-Raba (04) laqgha tas-Seba' Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Davina Sammut Hili, il-Vici Sindku Ivan Hallett, il-Kunsillier Dott. Matthew Paris, il-Kunsillier James Aaron Ellul u l-Kunsillier Vincent Borg flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv S. Flores assistit mill-iskrivana E. Borg Bonaci. L-Ambaxxatrici Lokali ghaz-Zghazagh Michaela Farrugia talbet li tkun skuzata.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Davina Sammut Hili.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tal-tielet (03) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Matthew Paris u ssekondata mill-Kunsillier James Aaron Ellul. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Punti imqajjma mill-minuti

2.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.15 u saqsa jekk kienx hemm xi zviluppi. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li hu kien talab laqgha mal-istudenti li avvicinaw lill-Kunsill izda kienu irtiraw it-talba. Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li f'laqgha ricenti il-Gvern kien habbar li ma kienx ser japprova sistemi ta' parking meters u jaf ikun ghalhekk li l-materja ma zvolgietx.

2.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.7 u saqsa jekk kienx sar xi haga rigward it-talba ghal parkegg riservat quddiem il-Floriana Senior Citizens. Il-Vici Sindku Ivan Hallett wiegeb li kien ghadu ma kellimhomx. Is-Sindku talbet lil Vici Sindku sabiex jsir kuntatt malajr kemm jista' jkun.

2.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.14 u nforma li l-poggaman fi Triq Sant'Anna kien sar.

2.4 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 9 u saqsa jekk kienx sar ir-rapport lil PPCD. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li ma kienx sar rapport minhabba li kien ircieva minghand GARDMED fejn informaw li l-flus kienu dahlu ghandhom u li kienu ser jghadduhom lill-Kunsill kemm jista jkun malajr.

## 3.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1 Is-Sindku Davina Sammut informat li fil-jiem li ghaddew kienet inzammet laqgha mal-Ambaxxatrici ghat-Turkija fejn kienet talbet numru ta' parkeggi riservati quddiem l-Ambaxxata Torka.

3.1.1 Hi qalet li kienet informat lill-Ambaxxatrici li dan ma kienx ser ikun possibli skont il-linji gwida ta' Transport Malta.

3.1.2 Is-Sindku qalet li minkejja dan xi jiem wara kienet informata li Transport Malta kienu approvaw zewg parkeggi riservati ohra quddiem l-Ambaxxata (total ta' erbgha). Hija qalet li dan kien imur kontra l-linji gwida ta' Transport Malta.

3.1.3 Is-Sindku qalet li kienet baghtet email lis-Sur James Piscopo fejn talbet laqgha mieghu biex ikun jista' jigi diskuss dan.

3.1.4 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li jhoss li l-Kunsill kellu jigi nformat li kienu ser jinhargu iktar parkeggi riservati.

3.1.5 Is-Sindku Davina Sammut Hili kompliet billi qalet li min-naha taghha kienet qed taghmel moniteragg ta' kif qed jintuzaw dawn il-parkeggi riservati u nnutat li kienu qed jipparkjaw ukoll vetturi privati u mhux biss dawk diplomatici kif suppost.

3.1.6 Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li apparti dan, ma thossx li kien sew li l-Kunsill ma

giex ikkonsultat rigward din l-approvazzjoni. Hi ziedet tghid li dan apparti li gew miksura l-linji gwida hekk kif imposti minn Transport Malta stess.

3.2 Is-Sindku Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghal-laqgha ricenti li nzammet ma' Chris Agius fejn il-Kunsill kien talab ghajnuna finanzjarja sabiex ikun jista' jirranga l-picc sintetiku li hemm fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V. Hija ziedet tghid li s-Sur Agius kien ghadda kuntatt lill-Kunsill sabiex ikunu jistghu jghaddulu kwotazzjoni ta' kemm ser tigi tiswa t-tiswija.

3.3 Is-Sindku Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-proposta relatata mal-A+ Accessibility Award u qalet li l-Kunsill ghandu japprova xi proposti se jressaq. Il-Kunsill approva li ghandu jressaq proposta sabiex isir bandli apposta ghall-persuni b'dizabbilta'.

3.4 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand kuntrattur fejn talab li l-Kunsill jikkunsidra li jaghtih skont fuq il-permessi ghal makkinarju minhabba li kellu bzonn jahdem ghal zmien twil.

3.4.1 Il-Kunsill saqsa kif kienu jigu stabbiliti l-prezzijiet ghal kull permess. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-prezzijiet kienu stabbiliti permezz ta' Avviz Legali u kienu fissi u ghalhekk ma kienux decizi mill-Kunsill.

3.4.2 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li jekk il-prezzijiet kienu stabbiliti bil-ligi, hu ma kienx komdu jikser il-ligi u ghalhekk issuggerixxa li l-Kunsill jitlob parir lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li diga kien hemm talbiet minn Segretarji Ezekuttivi fejn id-DLG kien talab li kullhadd jimxi mal-ligi.

3.4.3 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien hemm talba ohra simili minn resident li xtaq jirranga l-faccata.

3.4.4 Il-Kunsillier Matthew Paris ippropona li l-Kunsill jikkunsidra li jipproponi bye-law ladarba s-sitwazzjoni tal-Floriana kienet dik li hi u cioe li kien hemm hafna djar dizabitati.

3.4.5 Il-Kunsill ma qabilx li ghandu jaghti skont fuq dawn il-permessi ladarba dawn kienu rati fissi permezz ta' avviz legali u dan anke biex ma jinholoqx precedent.

3.5 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand Stephen Tonna fejn ressaq ir-rimarki tieghu rigward il-Florianafest.

3.5.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li hi terga ssostni li ma taqbilx li l-Kunsill jorganizza l-Florianafest mill-fondi tieghu, minhabba li thoss li l-finanzi tal-Kunsill ma jifilhux ghall-din l-ispiza

3.5.2 Is-Sindku ziedet tghid ukoll li sakemm is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill ma tinbidilx, hi thoss li l-fondi ghandhom jigu prioritizzati b'mod ahjar. Hija fakkret li l-Kunsill kien diga qed jorganizza l-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat li kien jiswa madwar €25,000 u li permezz tieghu, il-Kunsill jghin sabiex il-lokalita' ikollha festa ahjar.

3.5.3 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu ma jaqbilx ma' dak li qal is-Sur Tonna rigward il-manifest elettorali tal-kunsillieri. Huwa qal li l-kunsillieri ma kellhom l-ebda manifest elettorali taghhom izda ta partit politiku u l-opinjoni personali taghhom.

3.5.4 Il-Kunsillier James Aaron Ellul qal li jekk il-Kunsill ihoss li l-attivita' kienet ser titfa s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill lura allura wiehed ghandu jistenna sakemm ikun hemm il-

finanzi necessarji.

3.5.5 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li hu kien tkellem mas-Sur Stephen Tonna u kien ippropona li l-Florianafest tigi integrata ma' Genna ta' Gonna... u hafna aktar!! u b'hekk tittella' f'gurnata minflok fi tliet ijiem.

3.5.6 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu ma jaqbilx li din l-attivita' ghandha tigi organizzata mill-fondi tal-Kunsill specjalment ladarba l-Kunsill kien ghadu kif irreveda l-budget tieghu sabiex inaqqas mill-ispejjez tal-progetti kapitali u ghalhekk kien zgur li l-Kunsill ma kienx f'pozizzjoni li johrog iktar flus biex itella' attivita' ohra.

3.5.7 Il-Kunsill qabel li m'ghandux jerga' jtella din l-attivita' ghalissa u qabel ukoll li ghandu jinformah bir-ragunijiet diskussi.

3.6 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand il-Kummissarju tal-Pulizija fejn oggezzjoni ghat-tqeghid ta' bring in sites magenb il-bini tal-Pulizija minhabba ragunijiet ta' sigurta'.

3.6.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili ipproponiet li l-bring in sites jitqeghdu f'Belt is-Sebh. Il-Kunsillier Matthew Paris qal li jibza li dawn ikunu wisq 'il boghod miz-zona residenzjali.

3.6.2 Il-Vici Sindku Ivan Hallett issuggerixxa li l-bring in sites jitqeghdu hdejn il-MEPA.

3.6.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ssuggerixxa li l-bring in istes jitpoggew ftit 'l isfel milli qeghdin.

3.6.4 Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob laqgha mas-Supretendent Stephen Mallia sabiex ikunu jistghu jigu diskussi l-alternattivi.

3.7 Il-Kunsillier Matthew Paris informa b'sistema ta' SMS notice fejn il-Kunsill jista' jibghat SMS minflok ma jippublika cirkolari. Huwa qal li dan se jnaqqas l-ispiza kif ukoll izid l-efficjenza. Il-Vici Sindku Ivan Hallett qal li hemm nies li ma kienux jafu jaqraw apparti li kien hemm hafna anzjani li m'ghandhomx telefon cellulari. Il-Kunsill qabel li ghalissa ghandu jibda billi jigbor l-informazzjoni u jitlob kwotazzjonijiet.

3.8 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand il-Floriana Football Club fejn offra lill-Kunsill li jorganizza l-Greens Night b'mod kongunt mieghu. Il-Kunsill qabel li ghandu jilqa' l-offerta' bil-kundizzjoni li l-ispiza ma teccediex €450. Il-Kunsillier Matthew Paris informa li hu kien qed jastjeni mill-vot minhabba kunflitt t'interess.

3.9 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand il-Wasteserv fejn informaw li l-kuntrattur Malcolm Dimech kien qed jikser il-kundizzjonijiet taghhom kif ukoll juri dizrispett lill-haddiema taghhom. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob lill-kuntrattur kopja tar-risposta kif ukoll jesigi li din is-sitwazzjoni ma tibqax tirrepeti ruhha.

3.10 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand Chris Brincat fejn talab permess sabiex tigi organizzata attivita' fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V fejn fiha ser ikun hemm bzonn li jitpoggew hames high tables, bar, gazebo u xi affarijiet ohra. Is-Sindku qalet li l-attivita' kellha tintemm f'nofs il-lejl. Il-Kunsill qabel li ma jsibx oggezzjoni bil-kundizzjoni li jithalla access ghall-bandli kif ukoll li jingiebu l-permessi kollha necessarji bil-ligi.

3.11 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet korrispondenza minghand Mario Steiner fejn talab li jitpoggew tabelli tan-no parking u/jew crash barriers fejn il-bar lis er jopera, Sa Maison (faccata tar-

ristorant I Vetri). Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni li jsiru minn Transport Malta, bil-kundizzjoni li ma tigix ostakolata l-bankina kif ukoll li l-barriers ikunu approvati minn Transport Malta stess

3.12 Is-Segretarju Ezekuttiv ghamel riferenza ghal rapport li dahal dwar il-vettura li juza l-kuntrattur tal-gbir ta' skart biex jaghti s-servizz u qal li hu kien ikkuntattja lill-kuntrattur u talbu kopja tal-logbook. Huwa qal li rrizulta li l-vettura kienet Euro 5 u mhux Euro 4 li kienet ahjar minn dak mitlub mill-Kunsill.

3.13 Is-Sindku Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill li nhar il-Hadd 26 ta' Lulju kien ser ikun hemm il-blood unit li kien ser jaghmel uzu minn 8-10 spazji ta' parkegg. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni. Il-Kunsillier Matthew Paris issuggerixxa li jigu nformati r-residenti ta' Triq San Publju.

3.14 Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet talba minghand is-sid tal-hanut Chick King sabiex iwahhal xi reklamar mal-crash barriers li ghandu l-Kunsill quddiemu. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni, bil-hals kif stipulat fil-byelaw.

## <u>4.0 Mistoqsijiet lis-Sindku</u>

4.1 Il-Kunsillier Matthew Paris informa lis-Sindku li n-noticeboards ta' quddiem ic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V kien ghad ghandhom materjal antik u ghalhekk ippropona li dan il-materjal jitnehha. Is-Sindku talbet li tittiehed azzjoni mill-aktar fis.

4.2 Il-Kunsillier Matthew Paris ghamel riferenza ghal-laqgha li l-Kunsill talab mas-Sovrintendenza tal-Heritage u saqsa jekk kienx hemm risposta minghandom. Is-Sindku wiegbet li l-Kunsill kien ghadu ma rcieva l-ebda risposta. Il-Kunsillier Matthew Paris qal li hu kien qed jircievi diversi ilmenti rigward il-progett ta' taht il-Forka fejn kien hemm nuqqas ta' konsultazzjoni mal-Kunsill. Huwa qal li hu kien ser jesigi li l-laqgha ghandha ssir b'mod immedjat minhabba li l-Kunsill ma setax jibqa' jigi injorat. Il-Kunsill qabel li ghandu jinghata deadline biex tinghata din il-laqgha qabel ma jikkunsidra li johrog stqarrija.

4.3 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li hu kien tkellem ma' Chris Vella u giet diskussa l-possibilta; li tinzamm laqgha l-gimgha ta' wara. Huwa qal li matul din il-laqgha ghandhom jigu diskussi l-minuti u l-mod kif wiehed ser jipprocedi. Il-Kunsillier Matthew Paris qal li hu kien ser jaghmel tliet listi ta' dak li jista' jsir skont meta jista' jsir. Il-Kunsill qabel u qabel li ghandha tinhareg cirkolari li tinforma bil-laqgha li ser tinzamm fit-23 ta' Lulju 2015 fis-6pm. Is-Sindku Davina Sammut Hili fakkret biex jigi mistieden is-Supretendent Stephen Mallia.

## <u>5.0 Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati</u>

5.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili fethet il-materja billi qalet li kienet ser tahtar l-ewwel kumitat li huwa dawk tal-Avvanz tal-Mara li ghalih ipproponiet il-membri Lorraine Roberts, Marianne Cefai, Sandra Sammut Hili, Marthese Gatt u Antoinette Cauchi.

5.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona s-sottokumitat tal-Anzjani u ppropona l-membri Twanny Debono, Marlene Miceli u Albert Mockridge.

5.3 Il-Kunsillier James Aaron Ellul ippropona s-sottokumitat ghaz-zghazagh li ser jikkonsisti minn Sarah Debattista, Gianluca Azzopardi Alamango, Jean Zarb, Jordy Delia u Dixon Vella.

5.4 Il-Kunsillier James Aaron Ellul ippropona s-sottokumitat tal-isports u ppropona l-membri Charles Farrugia u Victor Camilleri.

5.5 Il-Kunsill approva s-sottokumitati kif proposti hawn fuq kif ukoll il-membri msemmija.

## 6.0 Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill

6.0 Ma kien hemm l-ebda rapport minn ufficjali tal-Kunsill.

## 7.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 02-07, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

**Nota: 15:15 Il-Vici Sindku Ivan Hallett talab li jkun skuzat.**

7.2 Is-Sindku Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill li kien hemm varjazzjoni tal-istima tal-progett tal-Polverista fejn l-ispiza kienet diga ammontat ghal €16000 meta l-istima originali kienet ta' €17321 ghax-xoghol kollu. Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li ma setghetx tifhem kif kien hemm din il-varjazzjoni kollha fl-istima tal-Perit. Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma l-Awtorita' tad-Djar sabiex jiddiskuti din il-varjazzjoni.

7.3 Is-Sindku Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill bil-problema tad-drenagg fil-bandli. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu kien ilu zmien twil jipprova jikkuntattja lill-kuntrattur izda baqa' ma rceviex risposta. Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jsib kuntrattur iehor.

**Nota: 15:25 Il-Vici Sindku Ivan Hallett rega' attenda ghal-laqgha.**

7.4 Is-Sindku Davina Sammut Hili esigiet li l-Kunsill jaghmale iktar uzu minn negozji kollha tal-lokalita'.

7.5 Wara mozzjoni mressqa mill-Vici Sindku Ivan Hallett u ssekondat mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 12773 sa 12908, bir-rizultat:

Favur: 5 (VB, ET, DSH, NH, MP)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

7.6 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li hu kien qed jastjeni mill-pagamenti tal-Jobbers u JF Security.

7.7 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mis-Sindku, minn zewg kunsillieri u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 8.0 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

*4/1 – Matul il-lejl qed ikun hemm karozzi u muturi li qed jgħaddu minn bejn il-bollards ta Triq Sant' Anna, ta' fejn il-monument tal-iljun. Dan joħloq periklu fit-triq,*

*Nipproponi li jew ssir katina ġdida bejn il-bollards, madanakollu mhux kif kienet qabel. Ta' qabel kienet irqiqa wisq u anke kienet baxxa wisq. Għandha terġa ssir - aktar ħoxna u aktar għolja (biex b'hekk ħadd ma jitħajjar jaqbiżha u jaqa, bħal ma ġara fil-passat). Jew inkella nitolbu lil TM sabiex izidu il-bollads.*

Proponent – James Aaron Ellul ____________________

Sekondant – Matthew Paris ____________________

Datata – 7 ta' Lulju 2015

---

Il-Kunsillier Vincent Borg qal li jahseb li jkun ahjar li jsiru iktar bollards milli ssir katina u dan minhabba li n-nies xorta wahda jaqbzu l-katina u gieli anke kien hemm incidenti fejn tfixklu fiha huma u jaqsmu.

Il-Kunsill qabel nem con li ghandha ssir talba lil Transport Malta sabiex isiru iktar bollards.

## 9.0 Pjan ta Hidma 2015-2017

9.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili fethet il-materja billi qalet li l-gurnata ta' qabel kien gie ccirkolati l-abbozz tal-Pjan ta' Hidma li ghandu jigi approvat.

9.2 Il-Kunsill qabel li ghandha tigi eliminata l-parti tas-sottokumitati

9.3 Is-Sindku kompliet billi qrat il-messagg taghha.

9.4 Il-Kunsill approva l-Pjan ta' Hidma ghas-snin 2015 – 2017.

## 10.0 Genna ta Gonna...U Hafna Aktar!

10.1 Il-Vici Sindku Ivan Hallett fetah il-materja billi qal li flimkien mal-Kunsillier Matthew Paris kienu hadmu fuq ideat godda ghal din l-edizzjoni tal-attivita'.

10.2 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li l-idea kienet li jinzamm il-format l-antik tal-attivita' pero b'titjib bhal m'huma attrazzjoni ta' vetturi amerikani fuq il-Fosos jew fi Triq Sant'Anna.

10.3 Il-Vici Sindku Ivan Hallett qal li kienu qed jippruvaw iqassmu l-attivita' madwar il-Floriana kollha u dan sabiex jakkomoda wkoll in-negozji tal-lokalita'.

10.4 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li kien hemm idea li l-logog ta' Triq Sant'Anna jigu kkonvertiti f'esebizzjoni tal-arti ta' varji artisti.

10.5 Il-Kunsillier Matthew Paris qal ukoll li kien hemm hsieb li Pjazza Papa Gwanni Pawlu XXIII tigi konvertita f'artisan market ghal dakinhar. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar li l-MTA ghandha gabbani li jistghu jintuzaw f'dan is-suq.

10.6 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li kien tkellem ukoll mal-Malta Council of Arts fejn urew interess li jghinu lill-Kunsill.

10.7 Il-Kunsillier Matthew Paris talab li jigi ddeterminat il-budget li l-Kunsill ghandu allokat ghal din l-attivita'. Il-Kunsill qabel li ser izomm l-istess nefqa li kien jonfoq fis-snin precedenti.

10.8 Il-Vici Sindku Ivan Hallett qal li f'kaz li jkun maltemp, l-attivitajiet ta' barra jistghu jithassru u minflok jittellghu attivitajiet fil-kannirja.

10.9 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li xtaq li fuq il-Fosos ikun hemm stalls li jbiegh ikel healthy u nutrittiv.

10.10 Il-Kunsillier Matthew Paris ssuggerixxa wkoll li jigu involuti l-ghaqdiet lokali fejn anke jigu mitluba jarmaw b'affarijiet differenti.

10.11 Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li Kevin Borg xtaq jaghmel il-launch tal-album tieghu matul din l-attivita'. Il-Vici Sindku Ivan Hallett ippropona li jekk se jingibu kantanti dawn ghandhom jithallsu l-istess ammont kull wiehed.

10.12 Il-Kunsillier Matthew Paris qal ukoll li kien hemm il-hsieb li c-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V jigi kkonvertit kollu ghat-tfal.

10.13 Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li l-flyer ghandu jkollu informazzjoni korretta sabiex ma jergax jigi ripetut l-izball tal-ahhar sena.

10.14 Il-Kunsill qabel mal-ideat proposti bil-kundizzjoni li l-ispiza ma teccediex dak li gie maqbul fil-budget.

## 11.0 Kuncert – Isle of MTV

11.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li kienet kuntenta hafna b'din l-edizzjoni tal-Isle of MTV kemm fl-organizzazzjoni kif ukoll f'kull aspett iehor.

11.2 Hija pproponiet li l-Kunsill jibghat komunikazzjoni ta' ringrazzjament lill-entitajiet kollha involuti tas-servizz impekkabli li kienu taw matul din l-attivita'. Il-Kunsill qabel.

11.3 Il-Kunsillier Vincent Borg irringrazzja lis-Sindku u fahharha tal-hidma taghha li damet hinijiet twal sa matul il-lejl.

11.4 Is-Sindku rringrazzjat lill-Kunsillier Borg tal-kliem tieghu u qalet li dan kien id-dover taghha li sservi lir-residenti u lil-lokalita'. Hija rringrazzjat ukoll lill-kunsillieri shabha.

11.5 Il-Kunsill qabel li jirrilaxxa l-garanzija bankarja bil-kundizzjoni li jitnehha z-zejt li thalla f'certu toroq.

11.6 Il-Kunsillier Matthew Paris saqsa fuq il-progett relatat mal-MTV. Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li l-istima kienet wahda kbira.

**Nota: 16:08 Il-Kunsillier Matthew Paris talab li jkun skuzat.**

11.7 Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li jkun ahjar li l-Kunsill jiddeciedi liema progetti kienu l-iktar importanti li jsiru. Il-Kunsill qabel bi prijorita li tibda mil-bankini ta' mad-dawra tal-Istitut Kattoliku u wara il-pavimentar ta' Pjazza Papa Gwanni XXIII.

**Nota: 16:10 Il-Kunsillier Matthew Paris talab li jkun skuzat.**

11.8 Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jipproponi item 1 u item 3 skont l-istima tal-perit bhala l-progetti mitluba.

## 12.0 Traffiku u parkegg

12.1 Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li kienu qed jipparkjaw xi vetturi fuq il-bankina ta' Triq l-Imhazen minhabba l-problema ta' parkegg li tkompli tippersisti.

12.2 Hija pproponiet li l-Kunsill jitlob lil Transport Malta sabiex isiru tabelli li jippermettu pparkjar fuq il-vettura.

12.3 Il-Kunsillier James Aaron Ellul ippropona li fuq it-tabella jkun permess biss ipparkjar fuq il-bankina u mhux biex jghaddu minn fuq l-ispralli.

12.4 Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

## 13.0 Gonna u soft areas

13.1 Il-Kunsillier James Aaron Ellul qal li kien qed jircievi diversi ilmenti fuq il-gnien.

13.2 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li kien tkellem mal-kuntrattur li kien informah li ma kienx cert jekk il-bins ta' Gnien Vilhena rieds ibattalhom hu. Il-Kunsillier Borg qal li hu kien iccara s-sitwazzjoni mal-kuntrattur.

13.3 Is-Sindku Davina Sammut Hili qalet li kienet inqatghet sigra mis-soft areas ta' Binja Vilhena. Hija qalet li din kienet qed taghmel hsara lill-paviment u li issa kien hemm bzonn li titnehha. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob kwotazzjoni sabiex din is-sigra tigi maqlugha.

13.4 Il-Vici Sindku Ivan Hallett fakkar li l-Kunsill ghandu jinforma lill-entitajiet bit-tnehhija ta' din is-sigra.

13.5 Il-Vici Sindku Ivan Hallett qal li gie nnutat li kienu qed jidhlu vetturi privati fil-KGV u ghalhekk ippropona li tibda' tinfetah biss bieba wahda minflok it-tnejn sabiex jitnehha l-access ghall-vetturi. Huwa qal li ma kienx sew li jidhlu vetturi privati fil-gnien.

13.6 Il-Kunsillier Vincent Borg talab li jkun skuzat sabiex jiccekkja mal-kuntrattur tat-tindif tal-gonna jekk il-vettura msemmija kienitx tieghu. Huwa kkonferma li kien il-kuntrattur li kien dahal bil-vettura.

13.7 Il-Kunsill qabel li ghandu jitkellem mal-kuntrattur sabiex jara x'jista' jsir dwar din il-materja.

13.8 Il-Vici Sindku Ivan Hallett qal li kien gie avvicinat minn impjegati tal-Awtorita' tad-Djar dwar il-problema ta' parkegg. Huwa qal li kien spjegalhom li fl-ispazji ta' parkegg li ma kellhomx tabelli seta' jipparkja kulhadd.

13.9 Is-Sindku Davina Sammut Hili talbet li l-Kunsill jitlob lill-ELC sabiex issir iz-zabra tas-sigar ta' magenb l-iSptar Sir Paul Boffa.

13.10 Il-Kunsillier Matthew Paris ghamel riferenza ghal sigra li hemm 'il fuq mill-petrol station li wkoll ghandha bzonn tinzabar.

13.11 Is-Sindku Davina Sammut Hili fakkret ukoll fl-arlogg li hemm fil-KGV u qalet li kien hemm bzonn li jsir xi haga ladarba dan ma kienx qed jahdem. Il-Kunsill qabel.

## 14.0 Aġġornament tal-laqgħa

14.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar il-Gimgha 7 t'Awwissu 2015 fis-2.00pm.

Il-laqgha ntemmet fil-16.45.

Davina Sammut
Sindku

Svetlick J. Flores
Segretarju Ezekuttiv